VERŻJONI ELETTRONIKA



*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,943, 2 ta' Frar, 2018*

*Taqsima B*

**A.L. 37 tal-2018**

## ATT DWAR IT-TAXXA FUQ l-*INCOME* (KAP. 123)

### Regoli tal-2018 dwar Tnaqqis ta' Imgħax Nozzjonali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 14(1)(o) u l-artikolu 96 tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, il-Ministru tal-Finanzi għamel ir-regoli li ġejjin:

Titolu u bidu fis-seħħ.

**1**. (1) It-titolu ta' dawn ir-regoli huwa r-Regoli tal-2018 dwar it-Tnaqqis ta' Imgħax Nozzjonali.

(2) Dawn ir-regoli għandhom jidħlu fis-seħħ mis-sena ta' stima 2018.

Tifsir.

**2.** F'dawn ir-regoli, kemm-il darba l-kuntest tal-kliem ma jeħtieġx xort'oħra –

"l-Att" tfisser l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*; Kap 123.

"imgħax fuq il-kapital ta' riskju" għandha t-tifsira mogħtija lilha fir-regola 4;

"intrapriża" tfisser kumpannija jew soċjetà residenti f'Malta jew kull kumpannija jew soċjetà oħra li mhux residenti f'Malta li ddaħħal *income* li huwa effettivament konness ma' xi stabbiliment permanenti sitwat f'Malta tal-kumpannija jew soċjetà;

"kapital ta' riskju" tfisser:

(a) meta l-intrapriża hija kumpannija jew soċjetà residenti f'Malta, l-ishma jew il-kapital tas-soċjetà tal-intrapriża, kwalunkwe *share premium*, bilanċi posittivi ta' *retained earnings*, self jew debiti oħra mislufa mill-intrapriża u li ma jġorrux imgħax, u riservi oħra li jirriżultaw minn kontribuzzjonijiet lill-intrapriża, kif ukoll kull bilanċ posittiv ieħor li huwa muri bħala ekwità fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji tal-intrapriża; u

(b) meta l-intrapriża hija kumpannija jew soċjetà li mhix residenti f'Malta, dik il-parti tal-kapital ta' riskju, kif imfisser f'paragrafu (a), ta' dik l-intrapriża li hi attribwibbli għall-istabbiliment permanenti sitwat f'Malta; u

"rata ta' referenza" tfisser ir-rata mingħajr riskju, stabbilita b'referenza għar-rendiment sal-maturità fuq *Stocks* tal-Gvern ta' Malta b'terminu rimanenti ta' madwar 20 sena, flimkien ma' *premium* ta' 5%.

L-intrapriża għandha d-dritt għal tnaqqis mill-*income* ta' somom li huma meqjusa mħallsa bħala imgħax fuq kapital ta' riskju.

**3**. (1) Għall-fini li jiġi stabbilit l-*income* totali ta' intrapriża għal sena ta' stima, l-intrapriża għandha d-dritt għal tnaqqis ta' somom li huma meqjusa mħallsa bħala imgħax fuq kapital ta' riskju jew dik il-parti minnu kif determinat mill-intrapriża għas-sena partikolari:

Iżda il-jedd għal xi tnaqqis taħt din is-subregola għandu japplika biss fir-rigward ta' profitti li għandhom jiġu allokati lill-kont ta' *income* barrani jew lill-kont intaxxat f'Malta ta' kumpannija jew fir-rigward ta' profitti ta' kull intrapriża oħra li, kieku kienet kumpannija, kien ikollom jiġu allokati lill-kont ta' *income* barrani jew lill-kont intaxxat f'Malta tagħha. F'kull każ bħal dan, il-limitazzjoni stabbilita fis-subregola (2) tar-regola 4 għandha tiġi kkalkolata fuq il-bażi tal-*income* tal-intrapriża li għandu jiġi allokat lill-kont ta' *income* barrani jew lill-kont intaxxat f'Malta jew li jkollhom jiġu hekk allokati li kieku l-intrapriża kienet kumpannija.

Kap. 372.

(2) It-tnaqqis imsemmi fis-subregola (1) għandu jintalab jekk l-intrapriża tagħżel dan fil-prospett magħmul skont l-artikolu 10 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, b'dan però li dak it-tnaqqis jista' biss jiġi mitlub jekk jintwera li l-azzjonisti jew is-soċji kollha tal-intrapriża japprovaw it-talba għal dan it-tnaqqis fir-rigward tas-sena ta' stima partikolari.

Kif jiġi kkalkolat l-imgħax.

**4.** (1) Imgħax fuq kapital ta' riskju għal sena ta' stima għandu jiġi kkalkolat skont dan li ġej:

$$Y = A \times B$$

Fejn –

"Y" tirrappreżenta l-imgħax fuq kapital ta' riskju li l-intrapriża hija intitolata li titlob bħala tnaqqis għal dik is-sena ta' stima rilevanti;

"A" tirrappreżenta r-rata ta' referenza;

"B" tirrappreżenta l-kapital ta' riskju tal-intrapriża għall-perjodu ta' kontjar li jispiċċa fis-sena ta' qabel is-sena ta' stima nieqes kull kapital ta' riskju impjegat direttament f'titoli, interess f'soċjetà, kontribuzzjonijiet u kull self jew dejn li ma jagħtux imgħax li l-intrapriża żżomm jew tipprovdi lil kull persuna oħra kemm jekk din tkun residenti f'Malta jew le (hawn

iżjed 'il quddiem f'din is-subregola flimkien imsejħa "il-kapital ta' riskju investit"), sakemm dan il-kapital ta' riskju investit:

(a) ma jkunx impjegat mill-intrapriża fi produzzjoni ta' xi *income* fis-sena ta' qabel is-sena ta' stima f'sitwazzjoni fejn, li kieku kien hemm il-produzzjoni ta' dan l-*income*, seta' jiġi eżentat mit-taxxa fit-termini tal-Att, jew

(b) ikun impjegat fil-produzzjoni ta' *income* fis-sena ta' qabel is-sena ta' stima li huwa eżentat mit-taxxa fit-termini tal-Att.

Għall-finijiet ta' din ir-regola, "kapital ta' riskju" għandu jiġi maħdum billi jittieħed it-total tal-kapital ta' riskju fit-tmiem tal-perjodu ta' kontjar partikolari li jispiċċa fis-sena ta' qabel is-sena ta' stima.

(2) Minkejja d-dispożizzjonijiet l-oħra ta' din ir-regola:

(a) meta fi kwalunkwe sena li tiġi qabel is-sena ta' stima, l-imgħax li jirriżulta mill-kalkolu ta' hawn fuq jaqbeż disgħin fil-mija (90%) tal-*income* taxxabbli tal-intrapriża għal dik is-sena qabel ma jkun meqjus it-tnaqqis permess fit-termini tas-subregola (1) tar-regola 3 ta' dawn ir-regoli, l-ammont żejjed ma jistax jiġi mnaqqas kontra l-profitti ta' dik is-sena, iżda jista', fl-għażla ta' l-intrapriża, jinġarr 'il quddiem bħala tnaqqis u jiġi miżjud mat-tnaqqis dovut għas-sena suċċessiva u meqjus bħala parti mit-tnaqqis, jew jekk ma jkunx hemm tnaqqis bħal dan għal dik is-sena, jkun meqjus bħala t-tnaqqis ta' dik is-sena u għal snin suċċessivi u kwalunkwe ammont li jinġarr 'il quddiem kif stabbilit f'dan il-proviso għandu jkun miżjud b'rata preskritta mill-Kummissarju:

Iżda meta azzjonist jew soċju ta' intrapriża li hija kumpannija huwa meqjus, skont ir-regola 5, li jkun irċieva *income* ta' imgħax minħabba t-talba għal tnaqqis mill-istess intrapriża, l-azzjonist jew is-soċju huwa intitolat li jnaqqas l-imgħax fuq il-kapital ta' riskju li jkun meqjus imħallas fit-termini ta' din ir-regola kontra dak l-*income* ta' imgħax maqlugħ mingħajr il-limitazzjoni stabbilita f'dan il-paragrafu.

(b) meta l-kapital ta' riskju jwassal biex l-intrapriża titlob tnaqqis fit-termini ta' kwalunkwe dispożizzjoni tal-Att jew ta' kwalunkwe regoli maħruġa taħthom (hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "d-dispożizzjonijiet l-oħra"), l-intrapriża tkun intitolata li tagħżel jekk tagħmilx talba għal tnaqqis fit-termini ta' dawn ir-regoli jew fit-termini tad-dispożizzjonijiet l-oħra

VERŻJONI ELETTRONIKA



fejn l-ammont ikun jikkwalifika għal tnaqqis kemm fit-termini ta' dawn ir-regoli kif ukoll tad-dispożizzjonijiet l-oħra.

Meta l-intrapriża titlob tnaqqis għall-fini tar-regola 3.

**5.** (1) Meta l-intrapriża titlob tnaqqis għall-fini tar-regola 3 biex tikkalkola l-*income* totali għal dik is-sena ta' stima, l-azzjonist jew soċju, skont il-każ, ta' dik l-intrapriża fl-aħħar tas-sena li taħbat minnufih qabel is-sena ta' stima partikolari għandu jitqies li rċieva f'dik is-sena ammont ta' *income* daqs l-imgħax meqjus imħallas fuq il-kapital ta' riskju u mitlub bħala tnaqqis mill-intrapriża għal dik is-sena ta' stima.

(2) L-*income* msemmi fis-subregola (1) għandu jkun ikkaratterizzat bħala imgħax għall-finijiet tal-Att u d-dispożizzjonijiet kollha relatati mat-tassazzjoni ta' *income* ta' imgħax għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal dak l-*income* hekk meqjus:

Iżda l-artikoli 32 sa 42 tal-Att m'għandhomx japplikaw għal dak l-*income* hekk meqjus.

(3) Meta intrapriża jkollha aktar minn azzjonist jew soċju wieħed fl-aħħar tas-sena li taħbat minnufih qabel is-sena ta' stima, kull azzjonist jew soċju, skont il-każ, għandhom jitqiesu li rċevew ammont ta' *income* li jikkorrispondi għall-proporzjon tal-valur nominali tal-kapital ta' riskju li jispetta lil kull azzjonist jew soċju, skont il-każ, fl-intrapriża fl-aħħar tas-sena li taħbat minnufih qabel is-sena ta' stima:

Iżda fuq talba ta' azzjonist jew soċju tal-intrapriża, skont il-każ, il-Kummissarju jista', jekk jidhirlu li hu xieraq, jagħti struzzjonijiet lill-azzjonisti jew soċji tal-intrapriża biex dak li ġie meqjus bħala *income* mill-imgħax jinqasam bejniethom b'metodu alternattiv.

Il-Kummissarju għandu jiddetermina l-ħlas tat-taxxa sabiex ma jkunx hemm vantaġġ mhux xieraq.

**6.** Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 51 tal-Att, fejn fir-rigward ta' operazzjoni, jew għal sensiela ta' operazzjonijiet, ammonti huma determinati b'mod li l-intrapriża, l-azzjonist jew azzjonisti tagħha, jew kwalunkwe persuna li hija kkontrollata u detenuta b'mod benefiċjarju direttament jew indirettament fir-rigward ta' aktar minn ħamsin fil-mija (50%) mill-istess azzjonisti, huwa f'pożizzjoni li jikseb vantaġġ mhux xieraq li għandu l-effett li jnaqqas il-ħlas tat-taxxa b'mod li ma jkunx rikonċiljabbli mal-għan u l-finijiet ta' dawn ir-regoli, il-Kummissarju għandu jiddetermina l-ħlas tat-taxxa, b'dak il-mod u għal dak l-ammont li jkun meħtieġ biex jiġi annullat dak il-benefiċċju jew vantaġġ.

Revoka tar-Regoli tal-2017 dwar Tnaqqis ta' Imgħax Nozzjonali. L.S.123. 176

**7.** Ir-Regoli tal-2017 dwar Tnaqqis ta' Imgħax Nozzjonali huma b'dawn revokati.